MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 28/2003

**Carmelo Cachia Caruana u Marianne Cachia Caruana**

**Vs**

**Antoine Cachia Caruana**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi Carmelo Cachia Caruana u Marianne Cachia Caruana ppremettew:

1. Peress illi il-kontendenti, li huma ahwa ulied il-mejjet Louis Cachia Caruana, u il-konvenut huwa l-uniku eredi ta’ missieru, filwaqt li l-attur huwa biss il-legatarju u usufruttwarju tal-mejjet missieru.

2. Peress illi missier il-kontendenti, fis-17 ta' Dicembru 1990, ikkostitwixxa ruhu veru cert u likwidu debitur tal-attur fis-somma ta' Lm11,500 - hdax-il elf u hames mitt lira maltin li ipprometta li jirrestitwihom, a semplici rikjesta tal-attur, bl-imghax bir-rata ta' 3% (tlieta fil-mija) b'effett mit-30 ta' Novembru 1990, u dan wara li l-attur kien ghaddielu l-imsemmija flus bejn is-sena 1984 u 1990.

3. Peress illi missier il-kontendenti miet fil-29 ta' Jannar 1998 u ghalkemm il-konvenut gie mitlub jissalda id-debitu huwa baqa' inadempjenti u anzi jallega li l-imsemmija skrittura privata in atti tan-nutar Dr. Victor John Bisazza LL.D., hija kollha montatura u ma tirrispekkjax il-verita', meta fil-fatt, kien l-istess missier il-kontentendi li ssuggerixxa li l-iskrittura tigi redatta u ffirmata.

4. U peress illi missier il-kontendenti, li kien jaf li ma kellux il-mezzi likwidi/investimenti sabiex jirrestitwixxi l-imsemmija somma, kien jghid lill-attur u lil martu illi huma kellhom jithallsu l-imsemmija somma, bl-imghax b'kollox, wara mewtu u kien hemm l-ghamara antika tieghu x'taghmel tajjeb ghall-rifuzjoni tal-imsemmija somma.

5. Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina il-Qorti ma ghandiex (1) tiddikkjarah, essendo li huwa l-uniku eredi ta' missieru, debitur versu l-atturi fis-somma ta' Lm11,500 mislufa mill-attur lil missier il-kontendenti kif fuq inghad u spjegat u [2] konsegwentement tikkundannah ihallas lill-attur l-ammont ta' Lm11,500 mislufa lill-awtur tal-konvenut, missier il-kontendenti. - kollox skond kif ntqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra il-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

*Preliminarjament:*

1. Illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (e) u (d) Cap 16;

*Fil-mertu u minghajr pregudizzju:*

2. Illi s-self mertu ta’ din il-kawza ittiehed minn Louis Cachia Caruana biex jixtri appartament l-Imsida fil-4 ta’ Dicembru 1990 u thallas lura lill attur (kif ukoll lil eccipjenti li kien selfu is-somma ta’ hames telef lira) minnu waqt hajtu mir-rikavat tal-bejgh fit-2 ta’ Mejju 1991 ta’ art f’ Hal Qormi;

3. Illi anke kieku mhux hekk, id-dejn gie estint bil-legat fl-ewwel artiklu tat-testment tieghu tal-11 ta’ Dicembru 1990 (kopja Dok ACC1) liema legat gie adempit fil-konfront tal-atturi bid-donazzjoni li saret fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza fit-22 ta’ Marzu 1991 u dana ai termini tal-Artiklu 702 (3) Cap 16;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

## IL-FATTI

Din hija kawza tirrigwarda kreditu ta’ Lm11,500 konsistenti fi flus li l-atturi allegatament ghaddew lill-mejjet Louis Caruana Cachia missier il-kontendenti. L-atturi jallegaw illi huma hallsu dan l-ammont ta’ flus bejn is-snin 1984 u 1990 meta id-decujus ma kienx likwidu bizzejjed biex ilahhaq ma’ l-ispejjez li kellu bzonn specjalment ghal persuna biex torqod mieghu jew biex idur bih. Illi fl-ahhar testment tieghu Louis Cachia Caruana, missier il-kontendenti nnomina l-konvenut Antoine Cachia Caruana bhala eredi filwaqt illi istitwixxa lill-attur Carmelo Cachia Caruana bhala legatarju u uzufruttwarju. L-attur ghalhekk

qed jitlob dawn il-flus minghand il-konvenut bhala l-eredi ta' Louis Cachia Caruana.

L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq skrittura privata li giet iffirmata fis-17 ta' Dicembru 1990, bejn il-missier, Louis Cachia Caruana u l-iben Carmelo Cachia Caruana, fejn ta' l-ewwel iddikjara ruhu veru, cert u likwidu debitur tat-tieni fis-somma ta' Lm11,5000 Dok A a fol 5. Louis Cachia Caruana miet fl-1998.

**Preskrizzjoni**

Il-konvenuti preliminarjament qed jeccepixxu illi l-azzjoni a bazi ta' din l-iskrittura privata hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (e) u (d) tal-Kodici Civili (Kap.16) illi jistabilixxi terminu preskrittiv ta' hames snin fiz-zewg kazijiet.

L-atturi jirritjenu li t-terminu preskrittiv beda ghaddej fil-jum tal-mewt ta' missier il-partijiet u cioe id-29 ta' Jannar 1998, u mhux mid-data ta' l-iskrittura u dan ghaliex bejn il-missier u l-attur kien hemm ftehim tacitu illi d-dejn in kwistjoni kellu jithallas wara mewtu jigifieri wara l-mewt tal-missier u dan ghaliex il-missier kien jaf illi ma kellux bizzejjed flus f'idejh biex jaghmel tajjeb ghal dan id-debitu f'hajtu. Ghaldaqstant, l-atturi jargumentaw illi t-talba taghhom m'hijiex preskritta ghaliex il-kawza odjerna giet intavolata qabel l-iskadenza tal-hames snin mill-jum tal-mewt tal-missier.

Skond dina l-iskrittura kien miftiehem li s-somma ta' Lm11,500 *Louis Cachia Caruana jobbliga ruhu li jhallasha lura lil Carmel Cachia Caruana li jaccetta a semplici rikjesta.*

Minn imkien minn dina l-iskrittura ma jirrizulta li kien hemm xi ftehim tacitu li d-dejn kellu jithallas wara mewt Louis Cachia Caruana, klawsola li setghet facilment tigi inserita fl-iskrittura izda li ma gietx hekk inserita. In-Nutar Victor Bisazza kkonferma fix-xiehda tieghu tat-18 ta' Frar 2004, a fol. 36 tal-process, illi huwa kien spjega t-tifsira

tal-kliem a semplici rikjesta lid-debitur, liema kliem ma kellhom ghalfejn ebda spjegazzjoni partikolari.

L-atturi qed jikkontendu li Louis Cachia Caruana kien jghidilhom li hemm l-ghamara minn fejn jistghu jithallsu wara mewtu ta' l-ammont lilhom dovut. Louis Cachia Caruana, skond l-atturi, qatt ma cahad li ghandu jaghti lill attur u ghalhekk il-perijodu ta' hames snin ma setghax jghaddi hlief wara mewtu.

Hu l-attur li jrid jipprova li t-terminu preskrittiv gie sospiz jew interrot. F'dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma li l-attur naqas li jgib prova li wara li giet iffirmata l-iskrittura l-missier baqa' jirrikonoxxi d-dejn li kellu ma ibnu. Anzi johrog mix-xhieda ta' l-atturi li kien fl-istess zmien li saret l-iskrittura u mhux wara li Louis Cachia Caruana kien qal lill attur li d-dejn setgha jithallas bil-mobbli. Fix-xiehda ta' Carmelo Cachia Caruana tat-22 t'April 2004, a fol. 52 tal-process intqal li *"meta kont iffirmajt l-iskrittura ma' missieri u staqsejtu minn fejn ser nehodhom huwa qalli biex nirranga ma' hija ghaliex kien hemm l-ghamara."* u xiehda ta' Marianne Cachia Caruana ta' 19 ta' Jannar 2004 , a fol. 24 tal-process fejn qalet *"Meta wasal biex jaghmel l-iskrittura privata niftakar li kien qallu jiena minn fejn se nehodhom jekk inti m'ghandekx flus"* .

Ghalhekk fin-nuqqas ta' prova li t-terminu preskrittiv gie interrot jew sospiz, il-Qorti tiddeciedi li t-terminu beda ghaddej sakemm skadew il-hames snin mid-data ta' l-iskrittura. L-iskrittura privata saret fis-17 ta' Dicembru 1990 u l-kawza giet prezentata f'Jannar 2003 meta kienu ghaddew il-hames snin.

Il-Qorti setghet tieqaf hawn izda thoss li anke fil-mertu l-atturi m'ghandhomx ragun u ma ppruvawx li l-konvenut ghandhom jitihom xi haga.

**Self ta' Lm11,500**

L-atturi qed jallegaw li l-flus kienu nghataw lill Louis Cachia Caruana ghall bzonnijiet tieghu u dan fil-fatt kien irrikonoxxa dan id-debitu permezz ta' iskrittura privata

imsemmija tas-17 ta' Dicembru 1990. Minn naha l-ohra l-konvenut qed jirritjeni li dawn il-flus kienu jirrapprezentaw flus mislufa mill-attur lill missieru sabiex dana jakkwista l-flat li xtrara l-Imsida fl-4 ta' Dicembru 1990.

Illi jirrizulta mill-atti u dokumenti ezibiti li :

Fl-4 ta' Dicembru 1990 kien inxtara l-flat l-Imsida minn Louis Cachia Carauna ghal prezz ta' Lm16,000.

Fil-11 ta' Dicembru, 1990 Louis Cachia Carauana ghamel testment fejn fost affarijiet ohra (Dok a fol. 14 ) iddikjara li :

*Biex jakkwista l-flat li sejjer jabita fih, uliedu Carmel u Antoine ahwa Cachia Caruana silfuh il-flus necessarji u ghaldaqstant it-testatur jrid li jhalli b'legat dan l-istess flat lill istess uliedu sabiex jestingwi l-kreditu li ghandhom dawn l-istess uliedu kontra missierhom*

Fil-17 ta' Dicembru 1990 saret l-iskrittura fejn Louis Cachia Caruana kkostitwixxa ruhu bhala cert u likwidu debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm11,500.

Fit-2 ta' Mejju 1991 Louis Cachia Caruana biegh ghalqa Hal- Qormi bil-prezz ta' Lm25,000.

L-attur cahad li huwa kien silef il-Lm11,500 lill missierhu biex hu jixtri l-post ta' l-Imsida imma qal li kien hallas biss xi Lm460 fuq il-konvenju. Hu pero' ma jispjegax kif missieru, li skond hu ma kienx likwidu, kellu flus bizzejjed biex il-post u jonfoq Lm16,000.

L-ispjegazzjoni ta' l-attur li missieru gab il-flus mill-bejgh ta' l-ghalqa ta' Hal Qormi ma taghmel sens ghax fil-fatt jirrizulta li dina nbieghet fl-2 ta' Mejju 1991 u cjoe wara li kien inxtara l-flat ta' l-Imsida fl-4 ta' Dicembru 1990. Jirrizulta li l-konvenju fuq dan il-bejgh kien sar fit-2 ta' Frar 1991. Ghalhekk jidher li Louis Cachia Caruana ma kellux flus biex jixtri l-post ta' l-Imsida jekk mhux ghax kien issellef flus minghand uliedu. Dan hu konfermat mill-istess Cachia Caruana fit-testment tieghu fejn specifikatament

isemmi li uliedu kienu selfuh il-flus biex jixtri l-post. Dana apparti dak li xehed il-konvenut.

Kif gja nghad l-attur qed isostni li hu kull ma selfu lill missieru kienu xi Lm460 fuq il-konvenju. Imma jekk skond l-attur missieru gab il-flus biex jixtri l-post tal-Imsida mill bejgh tal-ghalqa ta' Hal Qormi bil prezz ta' Lm25,000 kellu ghalfejn missieru joqghod jissellef Lm460 minghand l-attur?

Fl-ahharnett il-Qorti tistaqsi ghalfejn kellu Louis Cachia Caruana ihalli nofs il flat lill attur biex jikkumpensah jekk skond l-attur hareg biss Lm460 ?

Causa Mortis

Il-konvenut isostni li l-ebda ammont ma hu dovut lill attur billi meta saret il-causa mortis l-attur qatt ma talab l-ammont ta' Lm11,500 minghandu izda biss is-sommom ta' Lm743.36 u Lm150 u meta staqsih jekk kellux jiehu xi haga ohra dan dejjem qallu li ma kellu jiehu xejn izjed. Il-konvenut jissottometti li l-attur qala dina l-kwistjoni ta' dana l-ammont meta l-attur kien gie ikkundannat f'kawza ohra jikkunsenja l-ghamara li l-konvenut kien wiret minghand missieru. Kien biss sentejn wara li saret il-*causa mortis* li l-attur beda jippretendi dawn il-flus. L-attur igib bhala raguni ghal dan li skond il-parir li kellu l-preskrizzjoni kienet ta' hames snin, izda l-Qorti hi tal-fehma li kien proprju meta saret il-*causa mortis* u l-flus kienu ser jinqasmu li l-attur messu talab il-flus jekk hu verament l-attur kellu jiehu xi flus ohra, u dana meta l-konvenut kien qed jitolbu jiddikjara jekk kellux jiehu aktar.

Jirrizulta inoltre mill-provi li wara li saret l-iskrittura ma' l-attur, missier il-kontendenti kien biegh proprjeta' ohra f'ammonti sostanzjali li bihom setgha jkopri l-kreditu li kellu l-attur. L-attur jirritjeni li hu ma setghax jiehu dawn il-flus ghax inkellha missieru kien jerga jigi fl-istess posizzjoni li kien qabel, cjoe bla likwidita. Il-Qorti pero' ma ssibx dina r-raguni konvincenti billi l-ammonti li dahhal Louis Cachia Caruana kienu sufficjenti biex ikopru l-kreditu, u flimkien mal-flus l-ohra li kellu, setgha jkompli

jghix relativament komodu. Izda indipendentement minn dana, l-Qorti hi tal-fehma li ngabu provi bizzejjed kif fuq indikati biex juru li l-kreditu ta' l-atturi diga gie saldat, apparti l-kwistjoni tal-preskrizzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti, prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut
Tichad it-talba ta' l-atturi
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------